MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 306/2007

Il-Pulizija
(Spt. I. Abdilla)
Vs
Anthony Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. f'Gunju 2007, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, personalment f'ismu jew fil-kapacita tieghu ta' Direttur tal-kumpanija Antoine Auto Dealer, bin-numru ta' registrazzjoni C26112, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' elf lira maltin ghd-dannu ta' Stephen Xuereb, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'

kwalifika foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Stephen Xuereb;
3. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe Notice of Transfer, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienu gew ffirmati, nkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
4. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;
5. fl-istess dati, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta’ taghrif falz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 293, 294, 310, 308, 309, 183, 184, 167, 169 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200).
Il-Qorti tat il-fakulta’ lill-appellat li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-multa tithallas f’rati mensili w konsekuttivi ta’ hamsin lira Maltin (LM50) u f’kaz li l-appellat jonqos li jhallas pagament

wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.
Il-Qorti ordnat wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap. 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 t'Awissu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-istess appellat ghal hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin bil-fakulta' li l-applikazzjoni ta' l-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-multa tithallas f'rati mensili w konsekuttivi ta' hamsin liri Maltin u f'kaz li l-appellat jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta, w minflok tinfliggi l-piena jew pieni previsti skond il-Ligi, fil-mod u fil-modalita' hekk legalment stipulati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li mill-atti proceswali ma jirrizultax li gie segwiet il-vot tal-ligi kif kontemplat fl-artikolu 392A u li dan jirrendi l-proceduri w s-sentenza konsegwenzjali nulla w bla effett. Qablu wkoll li l-Qorti taghti sentenza f'dan is-sens u tibghat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti biex l-appellat jitqieghed fil-posizzjoni li kien wara li l-appellat irregistra l-ewwel ammissjoni kif jidher a fol. 3 tal-process biex wara dak l-istadju jsir dak li ghandu jsir skond l-artikolu fuq imsemmi.

Ikkonsidrat

In vista ta’ dan il-verbal li din  il-Qorti taqbel mieghu ukoll, il-Qorti qed tiddikjara l-proceduri li segwew wara l-ewwel ammissjoni tal-appellat kif ukoll is-sentenza appellata nulla ghax ma giex segwiet dak li tassattivament irid isir skond l-artikolu 392 A tal-Kodici Kriminali w ghalhekk qed tirrinvijja l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tinstema mill-gdid skond il-ligi mill-istadju wara li l-appellat irregistra l-ammissjoni tieghu kif jidher mill-verbal a fol. 3 tal-istess process, b' dan li l-appellat jerga' jitpogga fl-istat li kien immedjetament wara li rregistra l-ammissjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------